**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 27 ta' Frar 2017**

Numru 14

**Rikors Guramentat Nru. 1102/2016**

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LL.D.,**
**bhala mandatarju specjali ta' Giorgio Armani S.p.A.,**
**socjeta' Taljana b'indirizz ta' Via Borgonuovo, 11, 20121**
**Milano fl-Italja u b'fergha Svizzera bl-isem ta'**
**Giorgio Armani S.p.A., Milan, Swiss Branch Mendrisio**

**vs**

**Dr Joseph Ellis u P.L. Liliana Buhagiar**
**kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil (1) AL KAHF INTERNATIONAL TRADING CO.,LIMITED, entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "ROOM 12A06,BLOCK A,FUTIAN BUILDING,YIWU ZHEJIANG CHINA" fic-Cina, u (2) S.A.R.L FRERES AGA IMP & EXP, entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "CIT 492 LOTS EL EULMA ALGERIA" fl-Algerija u b'indikazzjoni ta' numru ta' identifikazzjoni fiskali Algerin ("NIF") "000819008771765" nominati b'digriet tat-23 ta' Jannar 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-5 ta' Dicembru 2016 li jghid hekk:

1. illi s-socjeta' attrici, maghrufa sew in konnessjoni ma' diversi prodotti nkluzi clothing u headgear, hija proprjetarja ta' diversi trade marks madwar id-dinja li jkopru dan in-negozju. B'rizultat ta' uzu kummercjali ghal zmien twil, bejgh

estensiv u riklamar madwar id-dinja, it-trade marks tas-socjeta' attrici dwar tali prodotti huma trade marks maghrufin madwar bosta pajjizi fid-dinja u kisbu reputazzjoni u avvjament enormi;

2. illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici hija proprjetarja:

tal-European Union trade marks (EU trade marks) bin-numri 000504282 – ARMANI, 000505594 - , 000504308 - [dawn b'effett f'Malta sa mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004)], u 013542048 - [din b'effett mill-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014)], u dawn f'kull kaz debitament irregistrati dwar varji prodotti fosthom gkieket; u

tat-trademark irregistrata f'Malta bin-numru 45683 - , b'effett mill-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006), dwar brieret fost ohrajn;

3. illi s-socjeta' attrici hija "detentrici ta' dritt" koperta b' "applikazzjoni ghal azzjoni" (Nazzjonali) dwar l-istess EU trade marks u trademark registrata ta' Malta hawn qabel indikati (fost ohrajn), ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kontenuti kemm fir-Regolament U.E. 608/2013 concerning customs enforcement of intellectual property rights and repealing Council Regulation (EC) No 1383/2003, u kemm wkoll fl-Att dwar Drittijiet dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erba' mija w erbatax (414) tal- Ligijiet ta' Malta];

4. illi b'daqstant allura, is-socjeta' attrici tgawdi mill-protezzjoni derivanti, inter alia:
(a) mill-Artikoli wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) paragrafu (c) u tlieta u ghoxrin (23) subartikoli tlieta (3.) u erbgha (4.) tal-istess Regolament U.E. 608/2013;
(b) mill-Artikolu disgha (9) subartikolu erbgha (4.) tar-Regolament U.E. 207/2009 on the European Union trade mark u, b'applikazzjoni tal-Artikoli hamsa u disghin (95) u mija u wiehed (101) subartikolu tnejn (2.) tal-istess Regolament U.E. 207/2009, dwar l-infurzar tal-jeddijiet dwar EU trade marks tas-socjeta' attrici huma rilevanti r-regolament disgha (9.) subregolament (a) tal-Ligi Sussidjarja 416.02 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu erbatax (14.) tal-Att dwar it-Trademarks, Kapitolu erbgha mija u sittax (416) tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu disgha (9.) subartikoli (a), (b) u (c) tal-Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali, Kapitolu erba' mija tmienja u tmenin (488) tal-Ligijiet ta' Malta; u
(c) (dwar l-infurzar tat-trademark irregistrata f'Malta tas-socjeta' attrici) mill-artikoli erbgha (4.), tnejn (2.) subartikolu wiehed (1) paragrafu "a" u tmienja (8.) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414;

5. illi recentement, id-Direttur Generali (Dwana)/il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-container “ECMU8115343” kontenenti kwantita’ ta’ prodotti konsistenti f’gkieket li kollha ghandhom fuqhom trade marks identici ghal - jew li ma jistghux jintgharfu fl-aspetti essenzjali taghhom minn - dawk tas-socjeta’ attrici debitament irregistrati bhala European Union trade marks (EU trade marks) bin-numri 000504282, 000505594, 000504308 u 013542048 rispettivament, kif ukoll fi brieret li kollha ghandhom fuqhom trade mark identika ghal - jew li ma tistax tigi distinta fl-aspetti essenzjali taghha minn - dik tas-socjeta’ attrici debitament irregistrata bhala trademark f’Malta bin-numru 45683. Dawn l-oggetti kollha waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana ta’ Malta waqt procedura doganali ta’ trasbord (transshipment), mibghuta mill-ewwel konvenuta AL KAHF INTERNATIONAL TRADING CO.,LIMITED u in tranzitu ghar-rilaxx eventwali favur it-tieni konvenuta S.A.R.L FRERES AGA IMP & EXP. Id-Direttur Generali (Dwana)/il-Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta’ attrici dwar din is-sejba f’cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali;

6. illi s-socjeta’ attrici giet mgharrfa bis-sejba in kwestjoni fid-sebgha (7) ta’ Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u, wara li ezaminat ritratti elettronici u kampjuni ta’ dawn l-oggetti, ikkonfermat lid-Direttur Generali (Dwana)/lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, id-Direttur Generali (Dwana) / il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta’ attrici kopja tal-inkartament kummercjali relattiv fejn, fil-kaxxa relattiva ghax-shipper/parti li qed tibghat hemm indikata AL KAHF INTERNATIONAL TRADING CO.,LIMITED, entita’ estera b’indikazzjoni ta’ indirizz ta’ “ROOM 12A06,BLOCK A,FUTIAN BUILDING,YIWU ZHEJIANG CHINA” fic-Cina, filwaqt li bhala consignee / importatrici hemm indikata S.A.R.L FRERES AGA IMP & EXP, entita’ estera b’indikazzjoni ta’ indirizz ta’ “CIT 492 LOTS EL EULMA ALGERIA” fl-Algerija u b’indikazzjoni ta’ numru ta’ identifikazzjoni fiskali Algerin (“NIF”) “000819008771765”;

7. illi effettivament allura, dwar l-oggetti lkoll mertu ta’ din il-vertenza, li d-Direttur Generali (Dwana) / il-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b’kollox sebgha mija u tmenin (780) gakketta u sitt mitt (600) berritta, japplikaw bic-car u rispettivament id-disposittivi tal-Artikolu disgha (9) subartikolu erbgha (4.) tar-Regolament U.E. 207/2009 u tal-artikoli erbgha (4.) u tnejn (2.) subartikolu wiehed (1) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan kollu f’cirkustanzi fejn, fil-pajjiz fejn l-istess oggetti kellhom jaslu (Algerija), is-socjeta’ attrici ghandha jeddijiet li jintitolawha tipprojbixxi t-tqeghid f’dak is-suq ta’ dawk l-istess oggetti;

8. illi d-Direttur Generali (Dwana)/il-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sal-hamsa (5) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) inkluz, sabiex is-socjeta’ attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati entro dan l-istess terminu;

9. illi l-esponent jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li d-dhul minghajr rilaxx ghal cirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerc bejn il-konvenuti f'kwantita' ta' prodotti konsistenti f'gkieket li kollha ghandhom fuqhom trade marks identici ghal - jew li ma jistghux jintgharfu fl-aspetti essenzjali taghhom minn - dawk tas-socjeta' attrici debitament irregistrati bhala European Union trade marks (EU trade marks) bin-numri 000504282, 000505594, 000504308 u 013542048 rispettivament, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tad-Direttur Generali (Dwana)/tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container "ECMU8115343" kien jikkontjenihom, jikkontravvjeni d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici fir-rigward tal-istess EU trade marks bin-numri 000504282, 000505594, 000504308 u 013542048 rispettivament, kif ukoll li tali oggetti huma falsifikati;

(2) tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'kwantita' ta' brieret li kollha ghandhom fuqhom trade mark identika ghal - jew li ma tistax tigi distinta fl-aspetti essenzjali taghha minn - dik tas-socjeta' attrici debitament irregistrata bhala trademark f'Malta bin-numru 45683, u li wkoll jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tad-Direttur Generali (Dwana)/tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container immarkat "ECMU8115343" kien jikkontjenihom, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tal-kumpannija attrici stante li oggetti falsifikati;

(3) tordna lid-Direttur Generali (Dwana)/lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi sija l-gkieket u sija wkoll il-brieret hawn qabel indikati, fi zmien qasir u perentorju minghajr ebda kumpens lill-konvenuti u ghas-spejjez taghhom;

(4) tiehu, jew tordna lid-Direttur Generali (Dwana) / lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk il-gkieket u brieret hawn qabel indikati, kull mizura ohra li biha l-konvenuti jigu mcahhda mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(5) tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez 'l ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tielet u tar-raba' talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport taghhom mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, tal-attendenza waqt id-distruzzjoni u tat-tnehhija tal-iskart iggenerat mill-istess distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-14 ta' Frar 2017 fejn ecceppew li:

1. Illi huma, fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjetajiet esteri AL KAHF INTERNATIONAL TRADING CO. u S.A.R.L. FRERES AGA IMP & EXP mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok

ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u dokumenti kollha esebiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja ta' diversi markji fost ohrajn tal-markji ARMANI, , , u , irregistrati mal-EU trade marks bin-numri 000504282, 000505594, 000504308, 013542048, u 45683 dwar brieret fost ohrajn, u dan skont kif jidher fuq id-dokumenti B sa F.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'container ECMU8115343 kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM VELA li kien diehel Malta fid-9 ta' Settubru 2016 l-Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana sab konsenja kontenenti f'sitt mitt (600) berrita u seba' mija u tmenin (780) gakketta li ghandhom fuqhom markji tas-socjeta attrici u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kien kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mill-affidavit datat 2 ta' Dicembru 2016 (Dok. ARM03 fol. 237) maghmul minn Antonio Croce, rapprezentant tas-socjeta attrici.

Illi allura jirrizulta li s-socjeta attrici hi detentrici ta' dritt kopert bir-Regolament 608/2013 dwar Customs enforcement of intellectual property rights kif ukoll tgawdi mill-protezzjoni tal-artikolu 9(4) tar-Regolament EU 207/2009 li jaghti lok ghal applikazzjoni tar-Regolament 9(a) tal-Ligi Sussidjara 416.02 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll artikolu 14 tal-Kap. 416 u artikolu 9 tal-Kap. 488. Is-socjeta attrici inizjat l-opportuni proceduri gudizzjarji fit-terminu.

Peress illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra

prezentat fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius datat 2 ta' Dicembru 2016 (Dok. K fol. 95) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-dwana u tar-rapport ta' Antonio Croce li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha inkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius fol. 96 tal-process. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej.

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara li d-dhul minghajr rilaxx ghal cirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerc bejn il-konvenuti f'kwantita' ta' prodotti konsistenti f'gkieket li kollha ghandhom fuqhom trade marks identici ghal - jew li ma jistghux jintgharfu fl-aspetti essenzjali taghhom minn - dawk tas-socjeta' attrici debitament irregistrati bhala European Union trade marks (EU trade marks) bin-numri 000504282, 000505594, 000504308 u 013542048 rispettivament, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tad-Direttur Generali (Dwana)/tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container "ECMU8115343" kien jikkontjenihom, jikkontravvjeni d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici fir-rigward tal-istess EU trade marks bin-numri 000504282, 000505594, 000504308 u 013542048 rispettivament, kif ukoll li tali oggetti huma falsifikati;

2. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'kwantita' ta' brieret li kollha ghandhom fuqhom trade mark identika ghal - jew li ma tistax tigi distinta fl-aspetti essenzjali taghha minn - dik tas-socjeta' attrici debitament irregistrata bhala trademark f'Malta bin-numru 45683, u li wkoll jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tad-Direttur Generali (Dwana)/tal-Kontrollur tad-Dwana wara li

huwa kien sab li l-container immarkat “ECMU8115343” kien jikkontjenihom, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tal-kumpannija attrici stante li oggetti falsifikati;

3. Tordna lid-Direttur Generali (Dwana) sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta’ din il-kawza, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil-konvenuti u a spejjez taghhom;

4. Tordna lil-konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha in konnessjoni mal-mizuri ordnati, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport taghhom mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, tal-attendenza waqt id-distruzzjoni u tat-tnehhija tal-iskart iggenerat mill-istess distruzzjoni, kif elenkat fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana (fol. 96);

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur